145
Sena
1864 - 2009

# Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. Żurrieq

## *Programm tal-Ġita ġewwa l-Ungerija mal-Banda Santa Katarina V.M.*



*Bejn il-11 u d-19 ta' Lulju 2009*

# Programmi Mużikali mill-Banda Santa Katarina V.M.

***Jidderieġi s-Surmast Direttur Mro. Mario Testa** Dip.Mus.in $B^b$ Tuba, F.Mus, E.I.H.E. (H.C.).*

## It-Tnejn 13 ta' Lulju 2009 - 11.00am

***Kunċert Mużikali ġewwa Fisherman's Bastion***

BAND OPENING *Mro. John Ivan Borg*
INTRODUCTION, THEME & VARIATIONS
*Gioachino Rossini (Solo fuq il-klarinett mill-Assistent Surmast Josef Grech)*
WE ARE THE WORLD *Michael Jackson*
VIVO PER LEI *Valerio Zelli*
ABBA GOLD *Ron Sebregts*
SUPREMAZIJA *Nikola Bugeja*
INNU TAL-BANDA *Mro. Francis Falzon*
INNU MALTI *Robert Samut*

## It-Tlieta 14 ta' Lulju 2009 - 11.30am

***Kunċert Mużikali f'Balaton***

THE THUNDERER MARCH *John Philip Sousa*
*(Jidderieġi l-Assistent Surmast Josef Grech)*
HEAL THE WORLD *Michael Jackson*
THE BEST OF MALTESE FOLKLORE *Mro. Anthony Chircop*
WE ARE THE WORLD *Michael Jackson*
ABBA GOLD *Ron Sebregts*
SUPREMAZIJA *Nikola Bugeja*
INNU TAL-BANDA *Mro. Francis Falzon*
INNU MALTI *Robert Samut*

## L-Erbgħa 15 ta' Lulju - 11.45am

***Kunċert Mużikali quddiem il-Katidral ta' Ezstergom***

THE GREAT JUBILEE WALTZ *Mro. Francis Falzon*
TOTUS TUUS *Mro. Mario Testa*
IL SOGNO (Intermezzo) *Pietro Mascagni*
HEAL THE WORLD *Michael Jackson*
VIVO PER LEI *Valerio Zelli*
WE ARE THE WORLD *Michael Jackson*
SUPREMAZIJA *Nikola Bugeja*
INNU TAL-BANDA *Mro. Francis Falzon*
INNU MALTI *Robert Sammut*

## L-Erbgħa 15 ta' Lulju 2009 - 6.00pm

***Kunċert Mużikali fiċ-Ċentru Kulturali ta' Dorog***

BAND OPENING *Mro. John Ivan Borg*
TRUMPET MELODY *Roberto Villata*
*(Solo fuq it-trumpet minn Alan Schembri)*
ADAGIO FROM CLARINET CONCERTO *W. A. Mozart*
*(Solo fuq il-klarinett minn Martin Schembri)*
GABRIEL'S OBOE *Ennio Morricone*
*(Solo fuq l-oboe minn Keith Sacco.*
*Jidderieġi l-Assistent Surmast Josef Grech)*
THE BEST OF MALTESE FOLKLORE *Mro. Anthony Chircop*
VIVO PER LEI *Valerio Zelli*
OREGON *Jacob de Haan*
CAN CAN FROM ORPHEUS *Offenbach*
SUPREMAZIJA *Nikola Bugeja*
INNU TAL-BANDA *Mro. Francis Falzon*
INNU TAL-EWROPA *Beethoven*
INNU MALTI *Robert Samut*

ŻURRIEQ

# *Il-Kelma tal-President*
# *Is-Sur Charles Schembri*



Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija bħala President tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina Verġni u Martri, u għandu jkun l-istess għalikom il-membri u l-partitarji, li l-Banda Santa Katarina V.M. ġiet mistiedna sabiex tmur iddoqq ġewwa l-Belt ta' l-Ungerija Budapest. Din hija s-sitt darba li l-Banda Santa Katarina Verġni u Martri ser toħroġ iddoqq barra minn xtutna fuq stedina mill-Culture House Jozsef Attila ta' Dorog fl-Ungerija. B'hekk il-Banda għażiża tagħna ser tkompli tkabbar il-popolarità tagħha kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi oħra. Hija opportunità li minn barra li ser tkun ħolqa oħra fil-kullana ta'suċċessi miksuba mill-Banda Santa Katarina Verġni u Martri, ser inkunu wkoll inservu ta' Ambaxxaturi ta' Malta billi nxerrdu l-kultura mużikali tagħna. Dan huwa appuntament ieħor wara diversi appuntamenti u avvenimenti li l-Banda Santa Katarina V.M. kellha, fosthom ġewwa Noto, Acireale u Catania fis-snin ħamsin u aktar tard f'Monopoli u Bari fl-1997, kif ukoll il-ġemellaġġ mużikali mal-Filarmonica Pietro Mascagni ta' Camporgiano provinċja ta' Lucca fl-2004. B'din iż-żjara f'Budapest sejra titnaqqax data oħra fl-istorja glorjuża tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina Verġni u Martri, speċjalment din is-sena fl-okkażjoni tal-145 sena mit-twaqqif tagħha. Huwa ta' nteress ukoll li barra minn hekk ser naraw diversi rikkezzi mill-patrimonju kbir Ungeriż. Il-Banda Santa Katarina V.M. ser tesegwixxi diversi programmi mużikali fl-iżjed postijiet prominenti u turistiċi f'Budapest bħal ma huma Fisherman's Bastion, Promenade ta' Balatonfured, Promenade tal-Katedral ta' Estergom u fil-Culture House Jozsef Attila ġewwa Dorog. Ser ikollna ġita bi programm mimli attivitajiet u eskursjonijiet tant sbieħ li għandhom jibqgħu fil-memorja tagħna lkoll.

Minn qiegħ qalbi nawgura kull suċċess lill-Banda Santa Katarina Verġni u Martri u l-ġita t-tajba lill-ġitanti kollha. Grazzi.